# IL-ĦAJJA

ta' WALTER R. ZAHRA

**Lil Marti Ċuża li d-destin
firidni minnha tlett snin ilu.**

Hu d-destin li jmexxi 'l-bniedem
Fit-triqat kollha ta' ħajtu,
Tista' taħdem, tista' tishar
Sabiex tħassar il-miktub,
B'danakollu jiġri dejjem
Dak li hu, mhux il-maqlub!

Kemm-il darba tul ħajjitna
Ħsibna l' aħna wisq għorrief
Ma qgħadniex għal li hu tajjeb
Imxejna b'parir in-nies,
Biex maż-żmien iddispjaċiena
Għax għemilna kien bla qies!

Id-destin lill-qalb inebbaħ
B'dak li jiġri għandu jsir,
Għalhekk iblaħ min jinganna
Għaliex wara jsib id-dwejjaq,
Jisfa waħdu, mingħajr ħbieb!

Tajjeb wieħed illi jaħseb,
Jaħseb sewwa u bil-qies,
Iżda l-ħsieb għandu jkun tiegħu
Mhux magħmul għalih min-nies.
Nagħmlu żball jiddispjaċina
U fl-imrar dan iħallina.

Tajjeb niżnu x'sejrin nagħmlu
Ma mmorrux kontra d-destin!
Iħabbatlek dan biss darba
Forsi tnejn ma' tul is-snin!
Nagħtu widen għalli nebbaħ
Biss pariru huwa bnin!

**(Tkompli f'qiegħ paġna 113)**

Ma nidħqux bina infusna
Billi nkunu għorrief wisq;
Il-għerf biss ta' dak li għandu
Hila f'ħajtu jġib ir-risq!
Għorrief dawk illi ż-żmien rebħu,
Qabel xjieħu bla ma ntebħu!

**9 t'Awissu 1972.**